# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 15 ta’ Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 19**

**Avviz numru 1451/99/SM**

**Carmel Kitcher**

**vs**

**Christopher Zarb Cousin u Elvin Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz datat is-6 t’Ottubru ta’ l-1999 li permezz teighu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu s-somma hekk likwidata ta’ danni u dan minn minnhom stante incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta’ Lulju, 1999 fi Triq il-Keffa, Swieqi, meta l-attur kien qed isuq karozza tal-marka Daewoo Racer bin-numru KAA-345 u s-sewwieq konvenut Elvin Azzopardi kien qed isuq van tal-marka Subaru bin-numru DAJ-585 appartinenti lill-konvenut l-iehor Chistopher Zarb Cousin ghal liema incident jahti unikament l-konvenut**

**Azzopardi minhabba li hu wera imperizja, negligenza u inoservanza tar-regolamenti, filwaqt li l-konvenut l-iehor ghandu jirrispondi ghad-danni stante li halla impjegat minn tieghu juza van tieghu meta huwa kien konsapevoli mill-fatt lil dan ma kienx kopert b'polza a' assikurazzjoni;**

2. **Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali hawn annessi u immarkati bhala Dok. A u B u tal-ittra ufficjali mmarkata Dok. C;**

**Illi ghall-fini tal-kompetenza l-ammont ta' danni ma jeccedix l-elf lira Maltin (LM1,000), Dok. D – kopja tar-rapport tal-incident awtomobilistiku;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Christopher Zarb Cousin datata t-8 ta' Novembru ta' l-1999 li eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-eccipjent fil-kwalitajiet premessi tieghu ghandu jigi liberat mill-osservanza guridika billi huwa qatt ma kelu ebda rapport guridiku mal-attur, u fin-nuqqas ta' tali rapport, ma jistax jigi ritenut responsabbli ghall-hlas ta' danni akkwiljani pretizi mill-attur bhala konsegwenza tar-rapport guridiku bejn l-attur u l-konvenut;**

2. **Illi l-fatt (sic) allegat mill-attur, illi l-konvenut l-iehor huwa impjegat mill-eccipjent u kien qed isuq karozza li ma kienetx adegwatament koperta b'polza, anke jekk pruvat ma jista' jwassal qatt ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' tal-kollizjoni mertu tal-kawza billi l-ezistenza ta' polza ta' assikurazzjoni tincidi biss fuq ir-rapport tal-eccipjent mal-assikuraturi tieghu u ma tinvolvi l-ebda mod lill-attur u ma tista' titqies qatt li kkontribwiet ghall-incident meritu tal-kawza;**

3. **Illi f'kull kaz l-incident gara minhabba tort u traskuragni tal-istess attur b'mod illi anke jekk jigi ritenut illi b'xi mod l-eccipjent ghandu**

jirrispondi ghall-operat tal-konvenut Elvin Azzopardi, xorta l-azzjoni tentata mill-attur ma tirnexxix;

4. Salv eccezzjonjiet ulterjuri;

Rat ukoll il-kontro talba ta' l-istess konvenut Christopher Zarb Cousin li wkoll iggib id-data tat-8 ta' Novembru ta' l-1999;

Billi l-eccipjent jixtieq jipprevalixxi ruhu mill-avviz prezentat mill-attur sabiex jipprezenta l-odjerna kontro-talba biex b'dan il-mod u b'effett tal-odjerna kontro-talba l-attur jigi msejjah jidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija, fl-14 ta' Novembru, 1999 fid-disa' ta' filghud, quddiem il-Magistrat Dr. Silvio Meli LL.D., biex iwiegeb ghat-talba ta' Christopher Zarb Cousin f'ismu proprju u ghan-nom ta' J & E Zarb Cousin Limited u jghid ghaliex m'ghandux:

1. Jigi ddikjara unikament responsabbli ghall-incident stradali ossija kollizzjoni tal-5 ta' Lulju, 1999 fit-Triq il-Keffa, Swieqi, bejn l-istess attur u l-konvenut l-iehor Elvin Azzopardi;

2. Ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-eccipjent u tikkundanna l-istess attur ihallas lill-eccipjent d-danni hekk likwidati minn dina l-istess Qorti bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attur li jibqa' ngunt sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni;

Jekk l-istess attur jonqos milli jidher fil-jum u s-siegha hawn fuq imsemmija l-Qorti tiddeciedi skond il-ligi;

Illi ghall-fini ta' kompetenza hawn ddikjarat illi d-danni subiti mill-konvenuti jeccedu s-somma ta' LM500;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Elvin Azzopardi datata t-8 ta' Novembru ta' l-1999 senjatament:

1. **Illi t-talbiet attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u traskuragni tal-eccipjent izda minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-attur;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suddett, id-danni rikjamati mill-attur bhala rizultat tal-kollizjoni huma ezagerati;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Tirrileva li l-attur baqa' kontumaci ghall-kontro talba ndirizata fil-konfront tieghu;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fit-triq u fid-data ndikata fl-avviz li ta' lok ghal din il-procedura;**

2. **Illi l-incident sehh meta l-konvenut Elvin Azzopardi kien qed isuq il-vettura tieghu vann bin-numru ta' registrazzjoni BAJ 585 meta f'daqqa wahda hareg l-attur bil-karozza tieghu bin-numru KAA-345 minn garaxx u habat ma' l-imsemmi konvenut;**

3. **Illi kagun ta' dan l-incident il-konvenut Zarb Cousin, li hu proprjetarju tal-vann de quo misjuq mill-konvenut l-iehor Azzopardi sofra danni fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin, (LM350.00,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-konvenut Azzopardi kien qieghed juza t-triq b'mod legittimu meta l-istess attur holoq emergenza billi interrumpa l-uzu normali tat-triq da parte ta' Azzopardi billi hareg mill-garaxx li kien fih u ippretenda li t-traffiku jieqaf ghaliex hiereg hu;**

**Illi xejn m'hu aktar bod mill-verita' stante li kellu jkun l-istess attur li bil-manuvra tieghu li johrog fit-triq li juza dik il-prudenza necessarja biex ma jostakolax it-traffiku li gia qieghed fit-triq li hu ried jidhol fiha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez, tilqa' l-kontrotalba tal-konvenut Zarb Cousin u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-attur responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut Zarb Cousin fil-vettura tieghu vann bin-numru BAJ-585 fl-ammont ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin, (LM350.00,0); u wara r-rikors tas-16 ta' Marzu tas-sena 2001 u d-digriet ta' din l-istess qorti datat l-20 ta' Marzu tas-sena 2001, tillikwida d-danni fl-ammont ta' sitt mitt Lira Maltin, (LM600.00,0);**

3. **Tikkundanna lill-attur Carmel Kitcher biex ihallas din is-somma hekk likwidata lill-konvenut Zarb Cousin, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**